MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 1463/1994/1

**Michael Camilleri**

**Vs**

**Joseph Saliba u b'digriet ta' l-10 ta' April 1995 Anthony Fabri ghal Untours Insurance (Agents & Brokers) Limited u din ghal Qatar Insurance gew ammessi *in statu et terminis* fil-kawza**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi, nhar it-8 ta' April 1993, fil-Birkirkara By-Pass, Birkirkara, waqt li l-konvenut kien qed isuq il-karozza tieghu tal-marka Alfa Romeo, li ggib in-numru U-6612, kien involut f'incident awtomobilistiku mal-karozza tat-tip

Honda, proprjeta` ta' l-attur, li ggib in-numru V-9674, liema incident sehh tort unikament tal-konvenut minhabba imperizja, traskuragni, imprudenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Premess illi l-attur sofra d-danni, ghal-liema danni huwa unikament responsabbli l-konvenut, minhabba imperizja, traskuragni, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

Premess illi l-konvenut, interpellat biex ihallas, anke permezz ta' ittra ufficjali tal- ta' Mejju 1994, baqa' inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-incident awtomobilistiku tat-8 ta' April 1994 sehh tort unikament tal-konvenut minhabba imperizja, traskuragni, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur bhala rizultat ta' dan l-incident, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal- ta' Mejju 1994 u bl-imghax legali kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat illi l-konvenut ghalkemm awtorizzat bid-digriet jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu avolja kontumaci; il-konvenut dan baqa’ ma ghamlux;

Rat id-digriet tal-21 ta' Marzu 1995 li permezz tieghu gie nominat bhala espert tekniku lil Joseph Zammit biex jirrelata dwar it-talba ta' l-attur ghal kiri ta' karozza u ghal *depreciation* wara li jiehu in konsiderazzjoni x-xhieda ta' l-attur;

Rat id-digriet ta' l-10 ta' April 1995 li permezz tieghu Anthony Fabri ghal Untours Insurance (Agents & Brokers) Limited u din ghal Qatar Insurance gew ammessi *in statu et terminis* fil-kawza;

Rat ir-relazzjoni ta' l-espert tekniku nominat li tinsab a fol. 59 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tat-30 ta' Marzu 1998;

Ezaminat ix-xhieda prodotta mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Il-kaz *de quo* jitratta minn talba ghal dikjarazzjoni tar-responsabilita` ghall-kollizjoni li sehhet fit-8 ta' April 1993 f'B'Kara ByPass, Birkirkara bejn vettura tal-marka "Honda" misjuqa mill-attur u vettura ta' tip "Alfa Romeo" misjuqa mill-konvenut;

Fix-xhieda tieghu (fol. 22) l-attur jallega li l-konvenut gie *wrong way* mill-faccata tieghu bi *speed* eccessiv. Hu pprova jevitah izda l-habta grat xorta wahda. Fl-incident il-vettura tieghu garrbet hsarat konsiderevoli;

Issa minn dak li rrizulta maghruf mill-atti tal-kawza jidher li l-ewwel talba attrici saret *per inutile* in kwantu l-assikurazzjoni tal-konvenut kienet gja pprovdiet ghat-tiswijiet fuq il-vettura ta' l-attur, kif manifest mill-ittra datata 10 ta' Marzu 1994 (fol. 13) u minn dak mistqarr

mill-attur innifsu fid-deposizzjoni *viva voce* tieghu fl-udjenza tal-21 ta' Marzu 1995. B'hekk kellu jkun ovvju ghall-istess attur illi l-konvenut ma kienx qed jikkontesta l-htija ghas-sinistru;

Jirrizulta wkoll illi l-Assikurazzjoni tal-konvenut kienet gja rrizarciet id-danni diretti subiti mill-vettura ta' l-attur. Allura l-vera kontestazzjoni f'dan il-kuntest kellha tkun limitata ghall-unici kwestjonijiet li, ghalkemm konnessi ma' l-incident u emergenti minnu, kienu distinti mir-riparazzjonijiet diretti fuq il-vettura. Dawn il-kwestjonijiet jirrigwardaw il-kiri ta' karozza matul il-perjodu li fih damet tissewwa l-vettura ta' l-attur u r-reklam tieghu ghad-deprezzament;

Tajjeb li jigi senjalat illi kwantu ghal kiri tal-karozza s-socjeta` assikuratrici tal-konvenut kienet offrietlu mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) mit-talba totali tieghu ta' hames mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija (Lm528). Aktar tard a fol. 45 tal-process din il-figura giet korretta ghal hames mija wiehed u ghoxrin lira Maltija (Lm521). Dan kif konfermat mill-istess attur;

Dwar id-deprezzament l-attur *ex admissis* jghid li hu ma kien ressaq l-ebda pretensjoni bhal din qabel il-kawza pero` issa kien qed jippretendi li jigi hekk kompensat;

Dan kollu s'issa dedott qed jigi sottolinejat in kwantu fil-fehma tal-Qorti jkun gust u ekwu li jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjez tal-kawza;

Il-perit tekniku nominat mill-Qorti stabbilixxa illi l-attur hu dovut mitejn u tmenin lira (Lm280) ghal kiri tal-karozza *automatic*. Dan fuq l-assunt illi z-zmien li ghalih kien mehtieg li l-karozza ta' l-attur kellha ddum tissewwa ma kellux jeccedi l-erbghin (40) gurnata kalkolat bis-seba' liri (Lm7) *per diem*;

Dwar il-fatt tal-kumpens l-istess perit relatur alloka s-somma ta' hames mitt lira Maltija (Lm500). Huwa jirpoza dan il-kalkolu tieghu fuq l-assunt illi l-*pre-accident value* tal-vettura kien ta' tliet elef u hames mitt lira (Lm3500)

filwaqt li meta ezaminaha fl-istat riparat taghha addebitalha valur ta' tliet elef lira Maltija (Lm3000);

Dawn il-konkluzjonijiet teknici kif jirrizultaw mill-perizja ma gew bl-ebda mod kuntrasti mill-kontendenti la permezz ta' eskussjoni, la permezz ta' talba ghall-periti perizjuri u lanqas b'nota ta' kritika. Tkun ghalhekk pruzunzjoni minn naha tal-Qorti li tiskartahom meta l-gudizzju dwarhom jinsab espress minn persuna kwalifikata li f'dan il-kamp ghandha esperjenza twila;

Issa "il-principji generali regolanti materja ta' rizarciment ta' danni, kompriz ghalhekk id-deprezzament, hi di regola li d-danneggjat ghandu dritt jikkonsegwixxi rizarciment li jirrientegra l-patrimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika ta' l-event dannuz u ghalhekk f'kaz ta' rizarciment *par equivalent* ghandu jikkonsisti f'somma li tekwipara l-valur ta' l-utilitajiet mitlufa" - "**Antonia Zammit -vs- Mario Calleja**", Appell, Sede Inferjuri, 12 ta' Jannar 1977; "**Edgar Sant -vs- Peter Borg**", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Ottubru 1979;

Naturalment din ir-regola tar-"*restitutio in integrum*" hi kwalifikata minn regola ohra li timponi fuq l-attur id-dmir li jiehu l-mizuri kollha ragjonevoli biex jimmitiga t-telf li jkun garrab bhala konsegwenza tal-fatt illecitu, b'mod li jista' jigi ezkluz, fil-kazijiet kongruwi, mir-rizarciment ta' dik il-parti tad-danni dovuta ghan-nuqqas tieghu li jiehu dawk il-passi. ("**Joseph Aquilina -vs- Emanuele Schembri**", Appell Civili, 24 ta' Jannar 1969);

Stabbiliti dawn ir-regoli jrid jinghad illi llum l-kazistika taghna takkorda f'decizjonijiet li rrikonoxxew il-principju illi d-deprezzament jirrientra bhala dritt fil-konsiderazzjoni tad-danni jekk il-Qorti tkun sodisfatta li fil-fatt il-karozza, wara t-tiswija, ma tkunx giet tiswa daqs kemm kienet tiswa qabel il-kollizjoni. Vide fuq din il-materja d-decizjonijiet fl-ismijiet "**Salvatore Bartolo -vs- Carmelo Xuereb**", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Jannar 1968; "**Godwin Grech -vs- Anthony Zammit**", Appell Civili, 28 ta' Jannar 1974;

F'dan l-ahhar imsemmi kaz, citat ukoll b'approvazzjoni f'decizjoni sussegwenti fl-ismijiet "**Avukat Dottor Giuseppe M. Camilleri -vs- Salvu Bonnici et nomine**", Appell Civili, 8 ta' Mejju, 1978 inghad kif gej:-

"Il-kwestjoni fl-opinjoni ta' din il-Qorti, ghandha tigi kkonsidrata mill-punto di vista obbjettiv. Kemm tigi tiswa fuq is-suq karozza msewwija, u msewwija anke tajjeb b'mod li tkun tajba ghall-uzu precedenti taghha. Jekk tigi tiswa anqas bhala *market value* u b'*market value* l-Qorti ma tintendix biss il-prezz f'bejgh lil '*dealer*', jew bejn zewg '*dealers*', imma dak li jkun pront ihallas '*any willing customer*' - allura, fejn din id-diminuzzjoni tal-valur tirrizulta pruvata, l-ammont relattiv jista' fil-kazi kongruwi, jigi nkluz fil-mizura tad-danni taht l-ewwel kap prevvist mill-Artikolu 1088 (illum Artikolu 1045, Kapitolu 16) cioe` dak tat-telf effettiv. S'intendi f'kazi kongruwi l-Qorti qeghda tirriferixxi ghal certi cirkostanzi li ghandhom jirrizultaw, cioe` irid ikun hemm hsara serja u rilevanti, anzi biex jghid hekk, ingenti, basta li l-vettura ma tkunx '*total loss*' (ghax f'dan il-kaz tidhol regola ohra), li l-kaz ikun jitratta minn karozza ta' certa kwalita` u finezza, u kwazi gdida, u li hu jkun facli, bhal ma hu x'aktarx facli, fis-suq ckejken ta' Malta, fejn il-kelma malajr tigri, li l-'*market value*' tal-karozza jitbaxxa.";

F'dan il-kaz l-attur kien xtara l-karozza tieghu sentejn qabel l-incident. Fil-fatt il-perit tekniku jghid li s-sena ta' manifattura taghha kienet is-sena 1991;

Jirrizulta wkoll li din il-vettura garrbet hsara qawwija fl-incident ta' l-1993 li lahqet is-somma komplessiva ta' elfejn mija u sebgha' u hamsin lira, wiehed u sebghin centezmu (Lm2157.71,0). Dan skond kif jinghad fl-ittra datata 10 ta' Marzu 1994 (fol. 13);

Li dejjem skond l-istess perit relatur il-vettura anke fl-istat ta' tiswija ma kienx ghad baqala l-kundizzjoni originali taghha u dan ifisser telf fil-valur li kellha;

Rigwardata ghalhekk is-sitwazzjoni minn din l-ottika u fl-isfond ta' l-insenjament fuq espress fid-decizjoni citata, din

il-Qorti ma tarax raguni ghaliex m'ghandiex takkolji in linea ta' danni t-talba ghad-deprezzament flimkien ma' dik relattiva ghal kiri tal-vettura.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tikkonferma ghal dak li jghodd ghal kaz prezenti li l-konvenut ghandu jkun ritenut responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tat-8 ta' April 1993, tillikwida d-danni ghad-deprezzament tal-vettura ta' l-attur fl-ammont ta' hames mitt lira Maltija (Lm500) u kwantu ghal kiri tal-vettura fl-ammont ta' mitejn u tmenin lira Maltija (Lm280);

Tilqa' ghalhekk ukoll it-tielet domanda attrici billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma komplessiva ta' seba' mija u tmenin lira Maltija (Lm780) in linea ta' danni ghal deprezzament u kiri tal-vettura, kif fuq intqal. L-imghaxijiet jiddekorru mid-data ta’ din is-sentenza.

In vista ta' dak rilevat aktar 'il fuq l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati kwantu ghal kwart (1/4) mill-attur u kwantu ghal tliet kwarti (3/4) mill-konvenut.

-------------------------------TMIEM-------------------------------